MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 398/2013

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti u l-intimata izzewwgu fl-ghoxrin ta' Ottubru 2001 (Dokument A);
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi l-partijiet isseparaw legalment b'mod konsenswali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-nutara Dr Maria Briffa (Dokument B);

4. Illi l-partijiet ma jhallsux manteniment fil-konfront ta' xulxin stante rinunzja taz-zewg partijiet skond klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntratttat bejn il-partijiet kif inghad fl-20 ta' Ottubru 2001;
(ii) Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom fl-att taz-zwieg relattiv;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Awissu, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Jannar 2010, izda ilhom aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg u ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------